MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 318/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALEF**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**KONTRA**

**FRANIS PISANI ta' 43 sena, iben Angelo u Mary nee' Bezzina, imwieled Tal-Pieta' nhar it-28.09.1969, residenti fil-fond numru 5, Desert Storm, Trejqet il-Poeti, Iklin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 390869M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Francis Pisani** li gie akkuzat tali f'dawn il-Gzejjer, gewwa Plush li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, u\jew fil-vicinanzi, ghal-habta tat-tlieta ta' fil-ghodu, (03.00am):

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Othmane Nachir u Mohamed Benchekroun;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Hamza Benazouz, Anas Faiarabi, Hicham Camdaghri, Mohamed Amine Dahman, Touhari Majdouline, Radia Lamri Hassani, Chebka Rihab, Houssam Kadrou, Abdil Abou-Assabra, Ghassane Mossadeq, Amine Farhame, Yassine Hajjaji;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel offiza ta' natura gravi fuq il-gisem ta' Othmane Nachir u Mohamed Benchekroun b'arma regolari (lenbuba);

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha sehem attiv kontra Othmane Nachir, Mohamed Benchkroun, Hamza Benazouz, Anas Fairabi, Hicham Camdaghri, Mohamed Amine Dahman, Touhari Majdouline, Radia Lamri Hassani, Chebka Rihab, Houssam Kadrou, Adil Abou-Assabre, Ghassane Mossadeq, Amine Farhame, Yassine Hajjaji li garrbu offiza;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel offiza fuq il-persuni ta' Othmane Nachir, Mohamed Benchekroun, Hamza Benazouz, Anas Fairabi, Hicham Camdaghri, Mohamed Amine Dahman, Touhari Majdouline, Radia Lamri Hassani, Chebka Rihab, Houssam Kadrou, Adil Abou-Assabre, Ghassane Mossadeq, Amine Farhame, Yassine Hajjaji;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali f’dan ir-rigward.

Rat il-provi migjuba.

Xehed ghalhekk Hussam Kadrou li spjega li hu kien wiehed mis-sittin Marokkin li kienu gewwa l-Plush jiehdu pjacir. Qal illi bhalhom kien student jistudja l-Ingliz. Spjega li gewwa l-Plush kienu qed jisimghu muzika Marokkina stante li hallewhom idoqqu gewwa l-Plush muzika taghhom. Qal illi kien qed jizfen ma’ shabu u waqfet il-muzika u nxteghlu d-dwal, anke nghalqu l-bibien mill-bouncers. Qal illi nqala’ certu paniku. Qal illi ra lill-bouncers bit-truncheons u bit-tear gas u lilu tawh fuq wiccu bi flixkun tal-birra. Mistoqsi jekk il-bouncer li tah kienx fl-Awla, wiegeb fin-negattiv.
Dan ix-xhud fil-fatt spicca b’zewg suturi f’ghajnejh. Innega li hu ra lil siehbu li kellu problema mal-barman igara xi tazza. Qatt ma ra lill-imputat ma’ l-art. Xehed illi fil-marmalja li nqalghet gewwa Plush anke ra xabla bi blade twila. Minn naha tieghu xehed illi ma ra lil hadd ikisser xejn.
Ma kellu ebda spjegazzjoni ghall-griehi li sofra l-imputat, u ghall-ksur li sar fil-fond Plush. Ikkonferma pero li hu kien ra lill-imputat imwegga’, pero ma kellux idea kif seta’ gara dan.

Mohammed Benchekroun anke hu student Marokkin li kien jinsab gewwa Plush, xehed illi hu mar jilmenta ma’ bouncer li l-magna tas-sigaretti kienet haditlu €5, pero ma tatux sigaretti. Qal illi l-bouncer fehmu li l-magna ma kinitx tappartjeni lill-Plush u ghalhekk offrielu drink. Dan mar mal-bar pero l-barman irrifjuta li jaghtih drink. Kellmu l-bouncer, ghalhekk il-barman tah tazza. Induna li ma kienx tah whiskey coke imma coke biss. Mar fuq il-barman biex jghidlu b’dan. Xehed illi hataflu t-tazza u waddabha go barmil. Jghid ix-xhud illi kellem lill-barman hazin. Dar ix-xhud biex imur lura. Bilkemm lehaq ghamel zewg passi,

hass il-presenza tal-barman warajh, u li tah daqqa go wiccu. Qal illi hu waqa’, l-imputat hatfu minn ghonqu u hargu ‘l barra b’mod brutali. Spicca hdejn il-bieb tal-Plush ipejjep. Qal illi anke lemah lill-imputat jgholli bar stool. Jghid illi hu mar warajh u hatafhielu minn idu. Rah anke jaghti lin-nies. Qal illi hu ma’ Pisani ma kellux problemi u tul is-serata tkellem b’mod normali.

Kawtar El Hamdi xehed illi kienu qeghdin jizfnu gewwa l-Plush, anke hu kien parti mill-istudenti Marokkini. Qal illi hu ra lill-barman isawwat lil siehbu Mohammed. Rah jaqbdu minn spallejh u jaghtih bil-ponn. Il-bouncer li kien qed jirreferi ghalih pero ma kienx l-imputat prezenti fl-Awla (folio 75).

Mohammed Amine Dahman xehed illi hu ra bouncer jaghlaq lil siehbu Simu, dan dejjem gewwa l-Plush. Senjalament mistoqsi jekk kinx jaghraf lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv u cioe’ li kien dak li lilu sprejjalu pepper spray go ghajnejh. In kontro ezami zied ukoll illi meta grat din il-bicca tal-pepper spray, hu kien qieghed jargumenta ma’ zewg bouncers. Mistoqsi jekk rax jew semax xi ksur wiegeb fin-negattiv.

Ghassane Mossadeq xehed ukoll illi kien gewwa l-Plush meta nfteghu d-dwal, u ntfiet il-muzika. Qal illi l-bouncers bdew isawtu lit-tfajliet, jimbuttawhom; kif ukoll ra lill-guvintur jissawtu.
Qal illi f’idejhom kellhom fliexken u lacrimogel li hu qal li gie sprejjat go ghajnejn siehbu. Qal illi bdew jixhtu fliexken. Qal illi l-imputat kien wiehed minn dawn. Mistoqsi jekk dak il-bouncer li sawtu kienx hemm, wiegeb li le.

In difesa xehed Mario Azzopardi – manager tal-Plush. Dwar l-incident tas-sigaretti qal illi hu ra lil Franco Pisani johrog bil-mod u b’mod ordnat lin-nies li kienu gewwa l-Plush. Ikkonferma li Pisani fil-fatt ma’ l-incident tas-sigaretti, meta ra l-incident hareg bil-mod lil Marokkin. Qal ukoll illi l-Marokkin tefa’ d-drink lejn il-barman. Xehed ukoll illi verament tbaxxiet il-muzika u li bdew jitgaraw l-oggetti. Qal illi kien fil-fatt Pisani li beda jipprova jitkellem mal-istudenti u jorganizza s-sitwazzjoni. Xehed ukoll illi dawn

daru ghal Pisani, anke li kienu aggressivi fil-konfront tieghu, u li anke sawtuh. Innega li hu f'xi hin ra xi haga f'idejn Pisani. Dan qal illi mija fil-mija Pisani ma kien igorr xejn u li kien jimxi hafna mar-regoli.

L-imputat ghazel illi jixhed minn jeddu. Qal dwar l-incident li kien offra drink lil dak il-Marokkin li lmenta mieghu li l-magna tas-sigaretti haditlu €5. Qal illi l-barman ghamillu drink, pero nduna li kien ghaddej battibekk bejn il-barman u dan l-istudent. Qal illi hu mar ikellmu ghax rah jimbotta lill-barman, u jitfaghtlu d-drink ghal wiccu. Dar fuqu b'mod aggressiv u kien hawn li Pisani qabdu, tefaghlu jdejh warajh, u eskortah 'il barra. Qal illi hu u hiereg bih xi hadd minn shabu tah daqqa ta' xi haga u kif kien ma' l-art qala' daqqiet ohrajn; anke ta' sieq. Xorta rega' qam u eskorta l-Marokkin 'il barra. X'hin rega' dahal gewwa xehed illi ra Marokkini kellhom xi jghidu ma' xi klijenti ohra li kienu qeghdin jixorbu. X'hin ra li s-sitwazzjoni kienet qed tiddegenera, beda jeskorta lil kulhadd 'il barra. Qal illi f'din l-scuffle kien hemm 28 Marokkin u bejn 4 jew 5 Maltin. Ordna li tintefa' l-muzika u anke li jinghalqu l-bibien. Ra anke flixken jintefghu lejn il-club, ra wkoll li l-Marokkini li kellhom xi jghidu ma' xi taxi drivers. Innega li hu kellu jew uza xi haga f'idu.
Xehed ukoll illi hu kien dispjacut hafna ghal dak li kien gara stante li ghalih hu ma' dawn in-nies kien friendly hafna, u ghalih kienu jarawh bhala habib.

Pisani rrilaxxa wkoll zewg stqarrijiet. Fihom ma biddel xejn mill-verzjoni li hu ta fil-Qorti, cioe' li hareg lil Marokkin billi tefaghlu jdejh wara dahru; li xi hadd minn wara tah daqqa; li x'hin kien ma' l-art tawh bis-sieq; li x'hin qam kompla jeskorta lil Marokkin barra mill-club; li ta ordni li jintefghu d-diski, jinxteghlu d-dwal u jitfghu lil kulhadd 'il barra.
Anke hawn innega l-uzu ta' lembuba.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju jirrizulta li gewwa l-Plush Club inqala' ncident bejn il-bouncers u barman ta' l-istess, kif ukoll grupp sostanzjali ta' studenti Marokkini, klijenti fl-istess club. Incident dan li nqala' minhabba €5 li ntefghet

go kaxxa tas-sigaretti u drink offrut bhala kumpens. Jirrizulta wkoll illi hawn inqala' litigju bejn il-barman u certu Mohammed Benchekroun. Hemm zewg verzjonijiet ta' dak li nqala' – l-imputat jghid illi hu gie msawwat meta kien qed jeskorta lil Benchekroun barra mill-Plush. Minn naha taghhom ix-xhieda Marokkini xehdu illi wiehed ra lill-imputat juza tear spray u iehor jaqbad bar stool. Xhud anke jghid illi ra lill-imputat juza tear spray fuqu. Stranament pero, ghalkemm dan Amine fix-xhieda tieghu lmenta hafna dwar l-effett li kellu dan il-pepper spray fuqu, pero harsa lejn ic-certifikat mediku ezebit fil-konfront ta' Amine jirrizulta li dan ma lmenta minn ebda lanjanzi f'ghajnejh!! (folio 29)

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li sa xi grad Franco Pisani kien involut fl-incident li nqala' gewwa l-Plush. Illi pero ir-responsabbilta' kriminali hija wahda esklussivament personali.
Illi in vista' ta' hekk, il-Qorti ma tistax tatribwixxi lill-imputat parti mit-tort ta' dak li gara, meta fil-fatt ebda parti ma hija kjarament attribwibbli lilu. Anke jekk Pisani gholla bar stool, m'hemmx provi tal-konsegwenza ta' dan, gia' din il-Qorti tat l-opinjoni taghha fuq l-allegat uzu tal-pepper spray. Jinghad ukoll illi ebda prova ta' lembuba ma ngabet quddiem din il-Qorti.

Illi tenut kollu ta' l-analizi tax-xhieda esposta, din il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------